Minuti tal-Laqgħa Nru. 22 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku/Chairman | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Skużata | Is-Sra. Graziella Schembri |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Post Mortem Jum il-Gżira
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Fuq punt 3.10 il-Kunsillier Cardona qal li huwa kien qed jirreferi għall bus shelter.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**Tenders**

2.1 Is-Sindku semma li fuq it-tender tal-handyman nistgħu nibdew mill-ewwel peress li kien hemm offerta waħda. Huwa qal li dan nistgħu nibdewh minn Ġunju.

2.2 Il-Kunsillier Hewitt saqsa x' kienu ħarġu bħala tenders. Is-Segretarju semma liem kienu dawk it-tenders li kien ħareġ. Il-Kunsillier Hewitt saqsa kemm kien hemm offerti fuq kull tender.

2.3 Is-Sindku qal li fuq it-tender tal-materjal ma kienx hemm offerti mitfugħa. Huwa qal li għalhekk l-aħjar li din terġa toħroġ mill-ġdid.

2.4 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju sabiex jagħti struzzjonijiet lill-membri tal-Bord sabiex jfittxu jlestu r-rapport tal-evalwazzjoni.

2.5 Il-Kunsillier Hewitt saqsa fuq il-kuntratt ta' Leli li jiġbor l-iskart imħallat. Is-Sindku semma li fil-laqgħa tal-Kunsill se jittella l-kuntratt imsemmi.

2.6 Il-Kunsillier Hewitt saqsa x' kien ix-xogħol tal-handyman li kien tefa' l-offerta. Is-Sindku qal li dan kien jagħmel ħafna tipi ta' xogħol differenti u fl-offerta kien se jitħallas skont kemm jimpennja bħala ħin.

**Kuntratt tal-Knies**

2.7 Il-Kunsillier Hewitt saqsa kif konna bqajna fuq tal-knies. Is-Sindku qal li minn naħa tal-Cleansing kienu bagħatulu ir-rati imma dawn kienu ogħla. Huwa qal li għalhekk kien qed jaħdem kalkolu ta kemm kien hemm bżonn sabiex isir it-tindif biex ikun jista jinnegozja prezz aħjar.

**Rimborsi fuq inċidenti**

2.8 Il-Kunsillier Chetchuti saqsa kif konna bqajna fuq ir-rimborsi li kellhom jingħataw fuq l-inċidenti li saru fi Triq il-Gżira li kienu jikkonsistu f' punctures. Is-Segretarju semma li kien se jiċċekkja fuqha peress li huwa kien diġa ta struzzjonijiet.

**3.0 KORRISPONDENZA**

**Monument għall Albert Rizzo**

3.1 Is-Sindku ppreżenta pjanti ta kif kien ġej il-Monument t' Albert Rizzo li b' paragun mal-gażibo dan kien ġej għoli ħafna. Is-Sur. Borg qal li dan mhux se jkun qed jidher sewwa b' paragun ma monumenti oħra li kien hemm fil-viċin.

3.2 Il-Kunsillier Hewitt semma li l-brunżar kien qed jgħollilhom ħafna l-prezz tal-bust biex isir peress li dan ma kellux kompetituri oħra fil-qasam. Is-Sur. Borg qal li l-perit kien qed ifittex biex anki jġib stimi minn barra.

3.3 Is-Sindku semma li rridu nkellmu lill James Rizzo minħabba d-daqs. Huwa qal ukoll li kien se jkellem lill-Perit sabiex jagħmel pressjoni mal-artist u jikkonvinċieh fuq id-daqs.

3.4 Kien hemm diskussjoni fuq kif għandu jiġi mibdul il-post fejn se jkun hemm il-Monument. Is-Sindku semma li hemm xi siġar li jridu jkunu relocated u anki jkun hemm dawl addatatt għall Monument.

3.5 Is-Sur. Borg semma li l-monumenti jistgħu jiġu kollha post wieħed u jkun hemm spazju li fih anki jistgħu jsiru kunċerti. Huwa qal li madwar il-monumenti jista' jsir plexi glass bħala protezzjoni u b' hekk anki jitneħħa bosta konfużjoni li hemm bħalissa.

**Uffiċċju Amministrattiv**

3.6 Is-Sindku semma li kien avviċinah l-ispekulatur li xtaq jixtri l-binja tal-Kunsill li jinsab fiha. Is-Sindku qal li huwa kien kellem lill-Perit fuqha u l-istima saret madwar € 330,000. Huwa qal li dan kien lest li jinnegozja fuq il-prezz miegħu.

3.7 Il-Kunsilliera qallu lis-Sindku li bħala prezz ma jaqblux li dan jinżel ħafna. Is-Sindku qal li huwa kien se joffri għalhekk il-prezz ta' € 310,000 lix-xerrej.

3.8 Is-Sindku semma li fejn kien hemm id-Dar tal-Anzjani dan il-post irid jitwaqqa u jerġa jinbena mill-ġdid.

**Il-Kunsillier Hewitt talab biex jiġi skużat fis-7.10 p.m.**

**Sistema CCTV għall Gżira**

3.9 Is-Segretarju semma li l-kwotazzjoni għas sistema tas-CCTV fil-lokalita tal-Gżira kienet qed titħejja. Huwa semma li kien lesta draft document li kien jonqsu aktar dettalji fejn għandhom x' jaqsmu teknikalitajiet u l-bżonnijiet tal-Kunsill. Is-Segretarju semma li huwa anki saqsa lis-Superintendent fuq liem huma dawk iż-żoni fejn kien hemm ċertu problemi.

**Car Booth Sale**

3.10 Il-Kunsillier Galea saqsa jekk kienx hemm xi jedd mill-Kunsill fuq il-car booth sale li kien se jsir. Is-Sindku semma li kien se jkun hemm madwar 100 karozza dakinhar u ridna nagħmlu tabelli ta No Parking daqs ġurnata qabel. Is-Sindku qal li dan sar bil-permess tal-Kunsill.

**Manutenzjoni**

3.11 Il-Kunsillier Cardona tkellem fuq Stop Sign li kien hemm fi Triq Ganni Bencini li kienet mgħawġa u rrapurtaw fuqha. Huwa qal li din kellha ssir mal-ħajt.

3.12 Il-Kunsillier Chetcuti semma li kien hemm toqba quddiem il-lattrina li kienet instadet u appella biex din tinfetaħ għax jekk ikun hemm ix-xita ikun hemm toroq li jgħerqu għax l-ilma ma jkollux fejn imur.

3.13 Il-Kunsillier Chetchuti qal li hemm parti tat-Triq fejn hemm il-Convenience Shop li kienet qed tisfronda sabiex il-Kunsill Lokali jieħu ħsiebha.

3.14 Il-Viċi Sindku semma li kien hemm il-ħofra fejn hemm tal-Lottu li riedet timtela. Is-Sindku qal li din tista timtela b' materjal u tingħata l-konkos biex ma jkunx hemm aktar periklu.

**Infurzar**

3.15 Il-Kunsillier Chetchuti saqsa fuq id-dgħajsa li kellu jsirilha enforcement maġenb il-pont. Is-Segretarju qal li huwa kien għamlu minn naħa tiegħu u kien se jiċċekkja mal-Awtorita tal-Ippjanar.

3.16 Is-Sindku semma li meta kien sar l-enforcement fuq il-bilboards dawn konna ħlisna minhom u l-Kunsill kien solva problema.

**Proġett tal-Gym**

3.17 Is-Sindku semma li kellu laqgħa mas-Surmast li kien kellmu fuq il-proġett sabiex issir gym ġdida. Huwa ssuġġerrillu li l-Kunsill ikun lest li jidħol għaliha bħala proġett u jgħin imma din tkun trid tintuża anki mir-residenti tal-lokalita. Huwa qallu li nkunu nistgħu norganniżaw korsijiet għall Gżirjani. Is-Sindku qal li se jkompli jitkellem mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

**4.0 POST MORTEM JUM IL-GŻIRA**

4.1 Il-Kunsillier Galea semma li fuq ta' Jum il-Gżira irid ikun hemm aktar promozzjoni minn qabel fuq l-attivita.

4.2 Il-Kunsillier Cardona semma li t-tqassim madwar iz-zuntier kien tajjeb imma dawk il-gabbani li kienu relatatti mal-ikel kellhom ikunu faċċata tal-Knisja iħarsu l-quddiem. Huwa qal li l-ewwel proposta kienet biex l-attivita issir fil-Ġnien. Il-Viċi Sindku semma li meta din kienet diskussa kien hemm residenti li semmew li idealment din kellha issir f' post aktar ċentrali.

4.3 Il-Kunsillier Chetchuti semma li kien hemm xi ġenituri ta' tfal li gergru għax kien hemm xi tfal i damu fuq il-bouncing castle aktar minn oħrajn.

## 5.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

5.1 Ma kienx hemm items taħt dan is-suġġett.

## 6.0 AĠĠORNAMENT

Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.40 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016.

Konfermati llum ______________________ 2016

____________________
Conrad Borg Manché
Sindku

______________________
Michael Portelli
Aġent Segretarju Eżekuttiv